

Brussell, 24 ta' Novembru 2025
(OR. en)

15394/25

ECOFIN 1516
UEM 545
FIN 1351
ECB
EIB

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill fil-qafas tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza - il-Bulgarija - Adozzjoni

1. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Mejju 2022, kif tinsab fid-dokumenti 8091/22 + ADD 1 approvat il-valutazzjoni pożittiva tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ("RRP") tal-Bulgarija f'konformità mal-Artikolu 20(1) tar-Regolament (UE) 2021/241.
2. Dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill aktar tard ġiet emendata fit-8 ta' Diċembru 2023 u fit-18 ta' Lulju 2025.
3. Fid-9 ta' Ottubru 2025, il-Bulgarija għamlet talba motivata lill-Kummissjoni biex tagħmel proposta biex tiġi emendata d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Mejju 2022 f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 fuq il-bażi li l-RRP ma għadux jista' jinkiseb għalkollox minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Abbażi ta' dan, il-Bulgarija ppreżentat RRP emendat.
4. Il-Kummissjoni tqis li l-emendi ppreżentati mill-Bulgarija ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP stabbilit fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Mejju 2022 rigward ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP mal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3), il-punti (a), (b), (c), (da), (db), (e), (g), (h), (j) u (k), tar-Regolament (UE) 2021/241.

5. F'dan il-kuntest, filwaqt li taġixxi abbażi tal-Artikolu 20(1) tar-Regolament (UE) 2021/241, fis-6 ta' Novembru 2025, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) tal-4 ta' Mejju 2022 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Bulgarija, li tinsab fid-dokumenti ST 14951/25 u 14951/25 ADD 1-2.
6. Il-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsillieri Finanzjarji eżamina l-proposta fil-25 ta' Novembru 2025 u laħaq qbil dwar it-test, soġġett għal reviżjoni mill-ġuristi lingwisti.
7. It-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill, kif iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti, jinsab fid-dokumenti 15108/25 u 15108/25 ADD 1.
8. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden:
 - jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-testi, kif iffinalizzati mill-ġuristi lingwisti, ta':
 - a) id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-4 ta' Mejju 2022 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Bulgarija, kif tinsab fid-dokument 15108/25, u
 - b) l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-4 ta' Mejju 2022 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Bulgarija, kif jinsab fid-dokument 15108/25 ADD 1, u
 - jirrakkomanda lill-Kunsill jadotta d-Deċiżjoni msemmija hawn fuq flimkien mal-Anness tagħha bħala "Punt-A" f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss.